KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 24

**It-Tnejn 13 ta' April 2026**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier
Anton Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Shawn Tanti – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 24.1 Qari tal-Apoloġiji

24.1.1 Ma kien hemm l-ebda talba ta' Apologija.

### 24.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

24.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 23 li kienu meqjusa moqrija.

24.2.2 Il-minuti tas-seduti ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 24.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku nforma lil-Kunsill li ergajna applikajna ghal-Bosta skema fosthom dik tad-dog park.

Is-Sindku informa wkoll li kien qed jinghalaq il-programm tal-Military Imtarfa.

Is-Sindku nforma lil-Kunsill li saru bosta xoghol ta' manutenzjoni madwar l-Imtarfa kif ukoll qtugh ta' haxix.

### 24.4 Progetti

24.4.1 Is-Sindku propona sabiex il-progett tal-panelli li kellu isir zmien ilu taht l-iskema SPI/SCI/9/2022 fejn kienu ser isiru il-panelli issa dan il-progett kien ser jinbidel u qed jigi propost li siir xoghol ta manutenzjoni fi Triq Antonio Ellul. Anness ghandkom issibu t-talba li tispjega dan ix-xoghol.

24.4.2 Il-Kunsill qabel unanimament

### 24.5 Jum L-Imtarfa

24.5.1 Wara li saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera gie maqbul li gieh L-Imtarfa ghandha tiehdu in-Sra Emma Cauchi filwaqt li ghandu jigi moghti rikonoxximent lil Mtarfa Youth Nursery Under 15 ghal-promozzjoni li hadu ghal-sezzjoni C.

## 24.6 Attivitajiet

24.6.1 Is-Sindku flimkien tkellem dwar bosta attivitajiet li se jkunu qed isiru fiz-zmien li gej fosthom Jum L-Imtarfa li spejga li filghodu kien se jsir show tal-Karozzi Amerikani u tberik tal-annimali filwaqt li filghaxija se ssir Is-Serata fejn jinghata l-Gieh L-Imtarfa. Spjga wkoll li kollox jinsab lest sabiex issir l-attivita tal-Military Mtarfa fejn wara nuqqas ta bosta snin din se terga titghella.

## 24.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

24.7.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 23/2026), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Vella propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 24.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.8.1 Il-laqgħa ntemmet fid-7:30pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar It-Tnejn 18 ta' Mejju 2026

Dale Hayman
Sindku

Shawn Tanti
Aġent Segretarju Eżekuttiv